# L-IMĦABBA TAGĦNA
# LEJN L-ANNIMALI

## OBBLIGI – LIĠIJIET – REGOLAMENTI - INFORMAZZJONI




L-Ewwel edizzjoni – 2015

It-Tieni edizzjoni – 2016

Din l-edizzjoni – It-Tielet edizzjoni - 2020

Ippubblikat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali

Dan il-ktieb huwa pubblikat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Dan huwa maħsub sabiex jingħata bla ħlas bħala promozzjoni u informazzjoni ħalli wieħed ikun jaf aħjar id-drittijiet tal-annimali u l-obbligi tiegħu lejhom.
Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni huma tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

2020

ISBN: 978-99957-1-845-9.

**L-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦAT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI**

**Indirizz Postali:**
Floor 2, Regent Building, Triq it-Tiġrija, il-Marsa

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-08:00 sal-16:00

**Numru tal-Uffiċċju:**
2292 8618

**Sit web:**
www.commissioneranimalwelfare.gov.mt

**Posta elettronika:**
caw.mafa@gov.mt

# Il- Werrej


| | | |
|---|---|---|
| | Messaġġ lill-istudenti mill-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, Dr.Denis Montebello | **4** |
| KAPITLU 1: | Speċi Differenti ta' Annimali | **10** |
| KAPITLU 2: | In-Numru tal-Emerġenza għall-Annimali li Jgħixu Barra fit-Triq | **12** |
| KAPITLU 3: | Il-Ħames Libertajiet tal-Annimali | **18** |
| KAPITLU 4: | Is-Santwarji tal-Annimali | **22** |
| KAPITLU 5: | L-Użu taċ-Ċinga | **24** |
| KAPITLU 6: | L-Identifikazzjoni Elettronika | **28** |
| KAPITLU 7: | Ir-Reġistrazzjoni ta' Annimali Eżotiċi | **32** |
| KAPITLU 8: | Iż-Żwiemel tal-Karozzini | **34** |
| KAPITLU 9: | Infurzar tal-Liġijiet u Penali Marbuta mal-Moħqrija fuq l-Annimali | **36** |
| NUMRI UTLI | Numri Utli relatati mal-Benessri tal-Annimali | **40** |
| APPENDIĊI | | |
| | Lista ta' Parks għall-Klieb fil-Gżejjer Maltin | **41** |
| | Lista ta' Bajjiet fejn jistgħu jgħumu l-Klieb fil-Gżejjer Maltin | **41** |
| | Lista ta' Santwarji tal-Klieb u l-Qtates fil-Gżejjer Maltin | **42** |

# Messaġġ

## Lill-istudenti mill-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali,



Dr. Denis Montebello.

Għeżież Studenti,

Smajtu ħafna referenzi għall-kliem Trattament Xieraq tal-Annimali, *Animal Welfare u Benessere* u bihom nifhmu dawk il-prinċipji u r-regoli kollha li jirreferu għar-relazzjonijiet bejn il-bniedem u l-annimali.

Dawn jinkludu wkoll id-doveri relattivi biex jiġi assikurat li l-annimali jiġu ttrattati b'mod uman u b'responsabbiltà.

Din m'hix xi ħaġa ġdida. Sa mill-bidu taċ-ċiviliz-zazzjoni tal-bniedem dejjem kien hemm relazzjoni viċina bejn il-bniedem u l-annimal.

Dan minħabba l-ħtieġa tal-bniedem li jsostni ruħu mill-merħla jew mill-kaċċa u s-sajd.  Il-bniedem sa mill-bidu kien fehem



l-importanza tal-kura sew tal-annimali u ġieli smajtu bl-espressjoni ‘Ħu ħsieb l-annimal biex hu jieħu ħsiebek’.  Madanakollu, dan l-interess kien aktar ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-bniedem milli fuq l-interess tal-annimali.

Dak iż-żmien kien għad m’hemmx apprezzament tad-dritt sagrosant ta’ kull ħolqien li jgawdi huwa wkoll id-dinja li hija tiegħu wkoll.

L-iżvilupp tas-soċjetà u l-avvanz fit-teknoloġija wasslu kemm għal sistemi ġodda għat-trobbija mekkanizzata ta’ numru ħafna ikbar ta’ annimali kif ukoll nuqqas ta’ spazji ambjentali fejn jistgħu jgħixu l-annimali, anke dawk domestiċi.



Dan kollu ġab miegħu opportunità kbira ta' sfruttament tal-annimal u n-nuqqas ta' rziezet operattivi madwar id-dinja ġabet fix-xejn l-utilità tal-annimali domestiċi.



Dan kollu, flimkien mal-apprezzament li l-annimali m'għandhomx ikunu abbużati u lanqas maħqura, wassal għall-bżonn ta' liġijiet serji biex jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-bniedem mal-annimali u biex dawn jiġu mħarsa minn kull tip ta' krudeltà u abbuż.

Ġew għalhekk stabbiliti l-ħames libertajiet fundamentali ta' kull annimal li dwarhom taqra iktar fil-fond f'dan il-librett.

Dawn huma verament id-Drittijiet tal-Annimali. Iżda billi dawn għadhom

ma ġewx imdaħħlin f'xi liġi partikolari, mhux dejjem jingħataw l-interpretazzjonijiet ġusta.

Bħala studenti, intom tridu tifhmu li dawn ma jfissrux li l-annimal għandu jkun protett minn kull użu tal-bniedem, ikun xi jkun jew l-annimal għandu jkun mifrud minn kull kuntatt mal-bniedem, kif xi setturi jippretendu.

Din tkun interpretazzjoni li tmur fl-estrem l-ieħor ta' dak li sa snin ilu kien ikun iċċirkolat – li l-annimal u kull ħolqien kien maħluq biss għall-qadi tal-bżonnijiet umani.

Infatti, nafu li kull ħolqien huwa marbut m'ieħor u kull speċi hija essenzjalment marbuta b'relazzjonijiet stretti ma' speċi oħrajn.

Għalhekk, il-protezzjoni dovuta mill-bniedem intelliġenti hija dik ta' ħelsien minn kull użu ħażin jew abbuż u li, fir-relazzjonijiet neċessarji mal-bniedem, l-annimal, fl-iktar sens wiesgħa tal-kelma, għandu jkun garantit għejxien bla biża' u moħqrija u bil-libertajiet kollha dovuti kif spjegat hawn fuq.





**Il-bniedem intelliġenti għalhekk għandu l-obbligu li jissorvelja u jirregola r-relazzjonijiet tiegħu mal-annimal biex it-tnejn jistgħu jgħixu flimkien f'armonija mingħajr ma l-annimal jiġi abbużat jew maħqur taħt xi forma jew oħra.**

Mhux hekk biss, iżda l-bniedem għaqli għandu l-obbligu wkoll li jissorvelja anke r-relazzjonijiet bejn kull speċi differenti ta' annimal, anzi ta' kull ħolqien, biex jassigura l-benessri ta' kull speċi u biex jaċċerta li kull speċi għandha niċċa tagħha fejn tista' tgħix u titkattar bi trankwillità u mingħajr biża' ta' xi abbuż minn speċi oħra u mingħajr ma hi tabbuża minn xi speċi oħra. L-għan finali ta' dak li aħna għandna ilkoll nifhmu bi Trattament Xieraq tal-Annimali huwa fil-fatt li naslu għal-stat ta' armonija perfett fejn





il-bniedem u kull speċi ta' ħolqien, fir-relazzjoni ta' bejniethom ikunu lkoll assigurati minn għixien bla biża' u, għalkemm taħt kontroll u sorveljanza, b'assikurazzjoni ta' protezzjoni minn kull tnaqqis ta' ambjent, spazju, sosteniment, kura u rispett.

F'dan il-librett għandkom issibu ħafna informazzjoni utli li tispjega d-doveri ta' kulħadd lejn l-annimali u nawgura li jqajjem fikom interess ikbar fl-annimali u l-importanza tagħhom fil-ħajja ċivilizzata u forsi anke l-parteċipazzjoni tagħkom fil-ħidma neċessarja biex inwasslu dan il-messaġġ dwar l-Annimali u d-Drittijiet Tagħhom iktar fil-fond.

Tislijiet,
Dr. Denis Montebello
Il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali



# Kapitlu 1:

## Speċi Differenti ta' Annimali



Ħafna minna meta nsemmu annimal, ġeneralment naħsbu fil-kelb u l-qattus. Madanakollu, jeżistu ħafna speċi differenti ta' annimali fosthom, dawk l-annimali li nsibu jgħixu barra fit-triq, l-annimali abbandunati, l-annimali domestiċi, l-annimali tal-irziezet kif ukoll l-annimal eżotiċi. L-annimali kollha li jifformaw parti mir-renju tal-annimali, jilgħabu parti

importanti fil-ħajja tal-bniedem u aħna l-bnedmin, b'xi mod nikkontrollawhom għal xi forma ta' gwadann minnhom. Kull speċi tista' tgħid li hija senżjenti, jiġifieri l-annimali jħossu bħalna l-bnedmin.  Allura, il-bniedem huwa fid-dmir li jieħu ħsieb l-annimali, billi jħobbhom u jipprovdilhom l-aktar affarijiet bażiċi li kull speċi jkollha bżonn. Bħalna l-bnedmin, kull



**speċi ta' annimal differenti, għandu l-ħtiġijiet tiegħu.  Għalhekk, ma nistgħux nittrattawhom qishom xi oġġett, bħal mejda jew żarbun, għax dawn huma speċi li għandhom ħajja.  Illum il-ġurnata, aktar minn qatt qabel l-annimali qed jingħataw importanza kbira fis-soċjetà tagħna, fil-fatt f'din il-pubblikazzjoni se naraw id-diversi obbligi, liġijiet u regolamenti sabiex l-annimali nieħdu ħsiebhom b'mod xieraq.**

## Kapitlu 2:

# In-Numru tal-Emerġenza għall-Annimali li Jgħixu Barra fit-Triq

Bħala l-bnedmin, l-annimali wkoll jista' jkollhom bżonn l-għajnuna ta' malajr, għalhekk din tkun sitwazzjoni ta' emerġenza. Wieħed jinnota, illi l-annimali abbandunati, minħabba li jgħixu barra t-triq u m'għandhomx sid, hemm aktar ċans li jiġu bżonn l-emerġenza, pereżempju minħabba mard jew għax jiġu mtajjrin minn xi karozza. Sfortunatament ikollok każijiet ukoll ta' moħqrija, fejn ċertu nies jaħqru l-annimali li jgħixu barra għal xejn b'xejn.





## In-Numru tal-Emerġenza – 1717

Għaldaqstant, il-Gvern għandu direttorat apposta li huwa d-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali u s-Servizzi Promozzjonali sabiex jirċievi rapporti meta xi annimal abbandunat ikollu bżonn kura urġenti.

Id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali, huwa attrezzat b'numru ta' ambulanzi, sabiex l-uffiċjali jkunu jistgħu jagħtu l-għajnuna meħtieġa lil dak l-annimal li jkun f'sitwazzjoni ta' emerġenza. L-ambulanza tal-annimali taħdem 24 siegħa kuljum inkluż fil-festi Pubbliċi u Nazzjonali. Jekk l-annimal domestiku tagħna jkun marid jew mweġġa', f'dak il-każ ma' nċemplux l-ambulanza tal-annimali iżda jkun meħtieġ li aħna nieħdu l-annimal għand il-veterinarju. Kemm jista' jkun huwa tajjeb li l-annimal tagħna nibqgħu nieħduh regolarment għand l-istess veterinarju biex dan ikun jaf l-istorja medika tiegħu.



Il-pubbliku huwa fid-dmir illi meta jiltaqa' ma' annimal li għandu bżonn l-għajnuna medika jew xi emerġenza oħra, iċempel id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali b'xejn fuq in-numru 1717.

Meta nċemplu dwar xi emerġenza, wieħed importanti li jipprovdi kemm jista' jkun dettalji, bħall-isem tal-lokalità u l-isem tat-triq lill-uffiċjali tad-direttorat, sabiex ma jintilifx ħin u l-annimal ikun jista' jkun salvat aktar malajr.

Barra minn hekk, importanti wkoll li l-uffiċjali tad-direttorat jiġu mgħotija numru fejn jistgħu jikkuntattjaw lill-persuna li jkun għamel



jew għamlet ir-rapport sabiex f'każ li ma jsibux fejn iridu jiġu, jkunu jistgħu jċemplu fuq dak in-numru li jkun ġie mgħoti lilhom.

Wieħed għandu jċempel fuq in-numru 1717, meta jinstab xi kelb jew qattus li huwa mitluf jew ikun mweġġa' jew marid.

Jekk l-annimali ikollu midalja (*ID Tag*), wieħed għandu jċempel lil sid l-annimal direttament, iżda, jekk l-annimal ma jkollux midalja u juri sinjali li huwa mitluf, għandna nċemplu l-uffiċjali tad-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali fuq 1717 jekk l-annimal ikun jinsab f'Malta, jew fuq 7969 1717 jekk l-annimal ikun jinsab f'Għawdex.



B'hekk ikunu jistgħu jiġu fuq il-post ħaddiema tad-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali sabiex jiċċekkjaw l-annimal bil-*microchip scanner* biex jaraw jekk dan għandux identifikazzjoni elettronika, dik magħrufa aħjar bħala l-mikroċipp.



## L-Isptar tal-Annimali u l-Kliniċi Veterinarji

Illum il-ġurnata minbarra sptar tal-bnedmin, jeżisti sptar ukoll għall-annimali. Dan l-isptar jinsab ġewwa Ta' Qali u bħall-isptar tagħna l-bnedmin, dan jiftaħ il-ġurnata kollha, u s-sena kollha. Allura, meta xi sid ikollu l-annimal/i u jkun hemm bżonn ta' għajnuna medika wieħed jista' jieħu l-annimal tiegħu l-isptar tal-annimali. Wieħed tajjeb ikun infurmat, illi s-servizz tal-isptar huwa bil-ħlas. Minbarra l-isptar tal-annimali madwar pajjiżna, hawn numru ta' kliniċi veterinarji, fejn wieħed jista' jieħu l-annimal/i tiegħu hemm hekk għall-vista jew f'każ ta' emerġenza. Xi kliniċi joffru wkoll is-servizz ta' veterinarju l-ġurnata kollha (bħall-isptar tal-annimali).



## Kapitlu 3:



# 5 Il-Ħames Libertajiet tal-Annimali

Sabiex nieħdu ħsieb kull speċi ta' annimali, fuq livell internazzjonali, inħolqu sett ta' ħames libertajiet. Għaldaqstant, it-trattament xieraq tal-annimali jdur ma' dawk li nsejħulhom il-ħames libertajiet tal-annimali, bl-Ingliż jissejħu, *The Five Freedoms.* Dan ifisser illi kull min ikun qed jaqbel li jżomm xi annimal/i domestiċi,





eżotiċi u/jew tal-irziezet,

huwa obbligat li jkun jaf

x'inhuma ħalli josserva u jipprovdi

l-ħames libertajiet lill-annimali.

L-annimali għandhom il-bżonnijiet

tagħhom ukoll, u tajjeb illi sid

l-annimal jieħu ħsieb l-annimal billi

jiżgura illi l-ħames libertajiet

tal-annimali huma kollha

osservati.



## Dawn il-ħames libertajiet tal-annimali huma:

1

### Libertà għall-ikel u x-xorb

L-annimal irid ikollu aċċess għall-ikel u x-xorb, sabiex ikun jista' jgħix u jgħix b'saħħtu.



2

### Libertà minn Skumdità

Sid l-annimal għandu jipprovdi ambjent komdu fejn l-annimal jgħix u fejn dan ikun jista' jistkenn mill-elementi bħal m'huma x-xemx jew il-maltemp, u li jkollu aċċess għad-dawl naturali. Barra minn hekk jekk l-annimal jinżamm f'post barra, bħall-bejt jew bitħa, sid l-annimal irid jara li t-temperatura fejn jgħix l-annimal tkun waħda adegwata.



## 3 Libertà mill-Uġiegħ u l-Mard



L-annimal għandu jingħata l-vaċċini neċessarji mill-veterinarju. Sid l-annimal għandu jara li jsiru l-visti neċessarji għand il-veterinarju. Meta l-annimal juri sinjali ta' mard, sid l-annimal għandu jipprovdi l-għajnuna medika neċessarja mingħand veterinarju.

## 4 Libertà li jesprimi l-Imġieba Xierqa



L-annimal għandu jkollu spazju u faċilitajiet biżżejjed fejn jgħix, fejn jiġri u fejn jilgħab. Idealment annimal għandu jgħix m'annimali oħrajn.

## 5 Libertà mill-Biża' u mid-Dwejjaq

Annimal għandu jkun trattat tajjeb sabiex ikun evitat li l-annimal ibati minn problemi ta' saħħa mentali. Meta l-annimal ibati minn element ta' stress, dan jista' jwassal għall-mard fiżiku, minbarra li l-imġiba tal-annimal tista' tinbidel u l-annimal isir aggressiv.

## Kapitlu 4:

# Is-Santwarji tal-Annimali

F'pajjiżna għandna diversi santwarji tal-annimali reġistrati bħala għaqdiet volontarji u mhux governattivi. Għandna santwarji (il-lista tas-santwarji tinsab fl-appendiċi) għall-klieb, għall-qtates, u għaż-żwiemel, li jitmexxew bl-għajnuna tal-Gvern u d-donazzjonijiet privati.



Dawn id-donazzjonijiet jikkonsistu f'għajnuna ta' flus u ikel fost affarijiet oħra, u għandek umbagħad għajnuna b'xejn li tingħata mill-voluntiera.

Il-Gvern għandu wkoll santwarju fejn jinżammu numru ta'

klieb u qtates ġewwa s-santwarju tal-annimali fl-Għammieri fil-Marsa. Dawk l-annimali li jkunu nġabru mill-uffiċjali tal-*animal welfare*, u wara li jkunu ingħataw l-għajnuna medika l-isptar tal-annimali, dawn jittieħdu ġewwa dan is-santwarju fl-Għammieri, bit-tama li dawn jiġu addottati (mingħajr ħlas).

## L-Adozzjoni tal-Annimali

Tajjeb li meta xi ħadd ikun ser jaddotta xi kelb jew qattus pereżempju, l-ewwel imur f'xi santwarju jistaqsi jekk għandhomx xi annimal kif jixtieq. Jekk ma jsibx dak li jixtieq, nissuġġerixxu li jkun tajjeb jekk jagħżel wieħed qrib ta' dak li kien qed ifittex, inkella jistenna ftit qabel jiddeċiedi li jixtri annimal.

Meta annimal jiġi adottat tkun qed issir opra ta' karità ma' dak l-annimal, u l-imħabba u l-gratitudni li dak l-annimal joffri, hija esperjenza sabiħa mmens.

Madanakollu, huwa vitali illi qabel nadottaw inkunu ċerti li għandna biżżejjed ħin għall-annimal, ħalli nkunu nistgħu inħobbu u ngawdu lil xulxin u niggarantixxu l-ħames libertajiet tal-annimali.

# Kapitlu 5:

## L-Użu taċ-Ċinga

L-użu taċ-ċinga huwa obbligatorju! Għalhekk, is-sidien tal-klieb huma obbligati bil-liġi, illi meta joħorġu f'post pubbliku bil-klieb, dawn jinżammu marbutin biċ-ċinga. L-użu taċ-ċinga qiegħed sabiex il-kelb ikun jista' jiġi kontrollat minn sidu. Hawn min jgħid, 'imma taf kemm hu fidil il-kelb tiegħi' jew 'taf kemm jobdini l-kelb tiegħi'. Dan kollu ma jiswa xejn, għaliex irridu inkunu konxji, illi l-annimal jibqa' annimal, u ħadd ma jista' jgħid kif annimal jirreaġixxi.



Barra minn hekk, irridu niftakru li hawn min jibża' mill-klieb, bħal min hawn min jibża' minn kreaturi oħrajn bħal

pereżempju, xi ġurdien, wirdiena jew serp.  Ukoll, meta wieħed iħalli l-kelb tiegħu mingħajr ċinga fit-triq, dan għandu riskju li jittajjar minn xi karozza, jew saħansitra, imur idejjaq lil xi ħadd li jkun għaddej bil-kelb għall-affari tiegħu.

Min-naħa l-oħra, kull min għandu kelb/a, jista' jmur ġewwa wieħed mill-parks tal-klieb li jeżistu fil-Gżejjer Maltin u hemm hekk wieħed jista' jħalli l-kelb tiegħu jiġri liberament mingħajr ċinga.

Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll jieħu l-kelb tiegħu l-baħar, u hemmhekk jneħħilu ċ-ċinga meta jkun ser jgħum flimkien ma' sidu.



## Il-Parks għall-Klieb

Ġewwa pajjiżna wieħed jista' jieħu l-kelb tiegħu jilgħab u jiġri, f'wieħed mill-parks tal-klieb illi għandna.  Hemmhekk il-kelb jista' jitħalla jiġri mingħajr ċinga.

Uħud mill-parks huma maqsumin f'żewġ sezzjonijiet; sezzjoni

għall-klieb żgħar u sezzjoni oħra għall-klieb akbar. Il-lista sħiħa tal-parks tal-klieb li nsibu fil-Gżejjer Maltin jinsabu fl-appendiċi. Minħabba li l-klieb jistgħu jitħallew jiġru liberi fil-parks tal-klieb flimkien ma' klieb oħra, ma tkunx idea ħażina li l-kelb jinżamm b'sarima ma' ħalqu jekk dan ikun aggressiv, sabiex ikun evitat xi inċident, għax xi kelb jigdem xi kelb ieħor.



B'hekk kull sid u kull kelb, ikun moħħu mistrieħ illi jista' jieħu gost.



## Bajjiet fejn jistgħu jgħumu l-klieb

Pajjiżna huwa mdawwar bil-baħar u ma jistax jonqos illi fis-Sajf immorru ngħumu.  Ħafna nies jiddeċiedu li jieħdu l-kelb magħhom il-baħar. Din hija xi ħaġa sabiħa, għax minbarra li nkunu qegħdin inqattgħu aktar ħin mal-annimal tagħna, l-annimal ikun qiegħed

jagħmel ftit eżerċizzju wkoll. Iżda, ma jfissirx għax aħna nħobbu l-klieb, kulħadd iħobbhom bħalna.

Irridu niftakru li hawn min jibża' minnhom jew ma jħossux komdu bil-preżenza tagħhom.

Għalhekk, ftit tas-snin ilu ġew identifikati numru ta' żoni, fejn il-klieb jistgħu jittieħdu biex jgħumu. F'dawn iż-żoni l-kelb għandu jinżamm fuq iċ-ċinga maġenb sidu, u ċ-ċinga għanda titneħħa biss qabel il-kelb jinżel jgħum ma' sidu u ovvjament waqt li dan qed jgħum fil-baħar.

X'ħin il-kelb jitla' mill-baħar (flimkien ma' sidu), il-kelb irid jerġa' jinżamm maġenb sidu, sabiex b'hekk l-ebda kelb ma jmur idejjaq nies oħra li jistgħu jkunu fl-istess bajja bil-kelb tagħhom. Il-lista tal-bajjiet kollha fejn wieħed jista' jieħu l-kelb tiegħu l-baħar tinsab fl-appendiċi.



# Kapitlu 6:

## L-Identifikazzjoni Elettronika

Illum jeżistu diversi modi kif annimal jista' jkun identifikat.

L-identifikazzjoni dejjem tiddependi x'tip ta' annimal ikun. Pereżempju, il-klieb u l-qtates ikunu identifikati minn dik li bl-Ingliż tissejjaħ *l-ID Tag*, teżisti wkoll l-identifikazzjoni elettronika tal-klieb, magħrufa aħjar bħala l-mikroċipp (*microchip*).

Annimali oħrajn, bħall-annimali tal-irziezet, u anke l-annimali eżotiċi, dawn iridu jkunu reġistrati mad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji.

***L-ID Tag***




Sid il-kelb huwa obbligat bil-liġi li mal-kullar tal-annimali




iwaħħal midalja (*ID Tag*), fejn fuq in-naħa ta' wara tal-midalja jkun hemm id-dettalji tas-sid u isem il-kelb jew il-kelba. Din l-imsemmija midalja tista' tkun utli ħafna għal min jaħrablu l-kelb tiegħu.

Min ser jiltaqgħa ma' dak l-annimal li jkollu l-midalja, min isibu, ser jinduna li l-annimal inkwistjoni huwa ta' xi ħadd, u bis-saħħa ta' din il-midalja, min isib l-annimal ikun jista' jikkuntattja lil sid dak l-annimal mitluf.

Fil-każ ta' min irabbi xi qattus jew qattusa *l-ID Tag* mhix obbligatorja iżda aħna xorta nissuġġerixxu li tagħmlulhom waħda minħabba r-raġunijiet li semmejna qabel.



## Xi informazzjoni dwar l-Identifikazzjoni Elettronika

L-identifikazzjoni elettronika hija ċippa żgħira ħafna (bejn wieħed u ieħor daqs rossa) li tiġi injettata fl-għonq tal-kelb, taħt il-ġilda. Fiha jkollha numru ta' identifikazzjoni uniku għal kull kelb jew kelba.

Għaldaqstant, il-kapsula meta tiġi injettata, in-numru tagħha jiġi abbinat mas-sid f'*database* nazzjonali.

L-identifikazzjoni elettronika, tal-klieb u tal-qtates, hija waħda mill-modi kif jiġi identifikat l-annimal.

Kull min għandu, jew kull min iġib kelb, huwa obbligat bil-liġi sabiex jassigura li l-kelb ikollu din l-identifikazzjoni elettronika hekk kif jagħlaq l-erba' xhur. L-injezzjoni taċ-ċippa, tista' tingħata mill-veterinarju u waqt din il-proċedura l-kelb jew il-kelba ma jsofru minn ebda uġiegħ.

L-identifikazzjoni elettronika hija utli għax b'dan il-mod inqas sidien jabbużaw jew jabbandunaw il-klieb li jixbgħu minnhom, jekk jintilef jew jaħrab il-kelb ikun jista' jinstab minn sidu u tkun sostnuta *d-database* b'reġistru sħiħ tal-informazzjoni rigward il-klieb u s-sidien tagħhom.

Dwar il-qtates, għalkemm s'issa min irabbi qattus/a mhux obbligat bil-liġi li jagħmillu l-midalja u l-identifikazzjoni elettronika, xorta waħda nappellaw sabiex kull min għandu jew kull min iġib qattus, issirilhom kemm il-midalja (*ID Tag*) kif ukoll l-identifikazzjoni elettronika.



# Kapitlu 7:

## Ir-Reġistrazzjoni ta' Annimali Eżotiċi

Dan l-aħħar qed jiżdiedu aktar nies illi minflok qattus, kelb, ħut jew xi għasfur, saru jippreferu li bħala *pet* ikollhom xi ħlejqa li fil-Gżejjer Maltin m'aħniex imdorrijin biha.

Pereżempju, illum hawn min jiddeċiedi li jrabbi xi serp, jew xadina. Ukoll, hawn min għandu kollezzjoni privata, jew stabbiliment zooloġiku (*zoo*) fejn jinżammu dawn



l-annimali eżotiċi bħal m'huma t-tigri jew annimali eżotiċi oħrajn. Importanti li min ikun interessat illi jaddotta jew irabbi xi annimal ta' dan it-tip, ikun jaf in-natural tiegħu u jekk jistax jgħix fil-klima tal-Gżejjer Maltin.



Irid ikun ċert ukoll illi kapaċi jżommu u mhux meta jdejjqu jitfgħu 'l barra jew iħallih jaħrab. Huwa illegali u immorali li tarmi annimali ġoż-żibel jew t'abbandunah fit-triq.

Madanakollu, kull min jiddeċiedi li jrabbi annimal eżotiku, huwa obbligat bil-liġi sabiex jirreġistra l-annimal (eżotiku) mad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji u josserva r-regolamenti dwar iż-żamma tal-annimali eżotiċi.



# Kapitlu 8:

## Iż-Żwiemel tal-Karozzini

F'Lulju tal-2019, fil-Gżejjer Maltin daħlu regolamenti ġodda dwar l-użu tal-karozzini.

Il-karozzin hija vettura li tkun miġbuda minn bhima li jkollha għall-anqas erba' roti u kompartament li jkun separat mill-kuċċier.

Din jkollha liċenzja sabiex tintuża għall-ġarr stradali ta' passiġġieri b'kiri jew kumpens. Ir-regolamenti l-ġodda jinkludu l-projbizzjoni tal-użu taż-żwiemel tal-karozzini mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu bejn is-13:00 u l-16:00. Il-vjaġġ ta' karozzin ma jistax ikun itwal minn 45 minuta, il-projbizzjoni li iktar minn ħames individwi jirkbu fuq il-karozzin, inkluż is-sewwieq, u ż-żiemel tal-karozzin jaħdem ġurnata iva u ġurnata le biex b'hekk iż-żiemel ma jintużax aktar minn tliet darbiet f'ġimgħa.

L-istess żiemel jista' jintuża fi ġranet alternattivi u mhux aktar



minn tliet darbiet f'ġimgħa.

Permezz ta' dawn ir-regolamenti ġodda li daħlu fis-seħħ iż-żwiemel tal-karozzini se jkunu qed jingħataw trattament aktar xieraq u se jingħataw aktar dinjità, dan għaliex mhux se jibqgħu jiġu trattati bħala oġġett jew mezz ta' trasport.



# Kapitlu 9:

## Infurzar tal-Liġijiet u Penali Marbuta mal-Moħqrija fuq l-Annimali

Sabiex xi liġi tiġi infurzata jrid ikun hemm in-nies li jieħdu passi. Dawn il-passi jittieħdu mill-Uffiċjali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, mill-Pulizija u jistgħu jittieħdu wkoll mill-Gwardjani Lokali.

Dawn l-uffiċjali jistgħu jħarrku lil min jinqabad jaħqar b'xi mod lill-annimali u jressquh fil-Qorti Kriminali akkużat b'moħqrija ta' annimali. Min jinstab ħati ta' moħqrija fuq annimali, jista' jeħel multa ta' bejn €2,000 u €65,000 għall-ewwel darba, filwaqt li jekk ma jitgħallimx u jerġa' jinqabad jaħqar xi annimali, il-Maġistrat jista' jwaħħal multa ta' bejn €6,000 u €80,000. Min jinstab ħati jista' jeħel anke sa tliet snin ħabs.

### Krudeltà tal-Annimali

Meta sid ta' annimal ma' josservax dawk il-ħames

| L-ewwel darba | Jekk ma jitgħallimx | Tista’ Teħel |
|---|---|---|
|  |  |  |
| Multa ta’ bejn € 2,000 u € 65,000 | Multa ta’ bejn €6,000 u € 80,000 | sa tliet snin ħabs. |

libertajiet tal-annimali li elenkajna fil-bidu ta’ dan il-ktieb, l-annimal ikun ikkunsidrat illi qiegħed ikun maħqur. Madanakollu, hemm sitwazzjonijiet oħra fejn l-annimal ikun qiegħed isofri minn krudeltà, bħal pereżempju, meta xi ħadd iżomm il-kelb tiegħu marbut biċ-ċinga għal ammont twil ta’ ħin fl-istess post. Intant, f’Ottubru tal-2018 għaddiet liġi dwar ir-regolamenti dwar iż-żamma tal-klieb li fost l-oħrajn tgħid li l-ispazju minimu għal kull kelb qatt m’għandu jkun inqas minn dan li ġej.

| Għoli mill-ispalla (gerriesa) tal-kelb | Areja minima ta' art | Tul minimu tal-iqsar ġenb |
|---|---|---|
| <30ċm | (1 + N) X 1m kwadru | 1m |
| 30-50ċm | (1 + N) X 1.2m kwadru | 1.2m |
| >50ċm | (1 + N) X 1.5m kwadru | 1.2m |

'N' qed tirreferi għan-numru ta' klieb fl-istess reċint.

Sors: L.S. 439.21 – Regolamenti Dwar iż-Żamma tal-Klieb

Illum, bl-avvanzi tat-teknoloġija, meta xi ħadd jiltaqa' ma' xi tip ta' moħqrija tal-annimali, wieħed faċli jieħu ritratt jew filmat u jagħmel rapport.

Attwalment tista' tniżżel applikazzjoni fuq il-*mobile* bl-isem ta' *Malta Animal Welfare* sabiex tirrapporta każijiet ta' moħqrija tal-annimali, taddotta annimal, tirrapporta emerġenza kif ukoll tirrapporta li sibt annimal mitluf.

## Rapporti ta' Moħqrija tal-Annimali

Meta xi ħadd jiltaqa' ma' xi każ ta' moħqrija tal-annimali, għandna inċemplu direttament fuq

in-numru tal-emerġenza tal-annimali 1717.

Meta jsir rapport (fuq 1717) lill-uffiċjali tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, wieħed jista' jserraħ rasu, għaliex hemm element qawwi ta' kunfidenzjalità u anonimità.

Dan ifisser, illi min ikun qiegħed jagħmel rapport, jista' jserraħ rasu li l-identità tiegħu mhux ser tkun żvelata.  In-numru tal-emerġenza tal-annimali jopera 24 siegħa kuljum inkluż fil-*weekend* u fil-festi Pubbliċi u Nazzjonali.

| Numru tal-emerġenza | Emerġenza topera | Kunfidenzjalità u anonimità |
| --- | --- | --- |
|  |   |  |
| għamel rapport fuq 1717 | inkluz fil-*weekend* u festi Pubbliċi u Nazzjonali | identità mhux ser tkun żvelata |

# Numri Utli relatati mal-Benessri tal-Annimali

**L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali:**

**2292 8618**

**Id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali u tas-Servizzi Promozzjonali:**

**2292 4325**

**Id-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji (*Animal Welfare Unit*):**

**2292 5305**

***Microchipping Office*:**

**2124 4236**

**L-Ambulanza tal-Annimali:**

**1717**

**Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni:**

**1718**

***Wildlife Rescue Ambulance* (*Nature Trust Malta*):**

**9999 9505**

**Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija:**

**2122 4001**

# Appendiċi

## Lista ta' Parks għall-klieb fil-Gżejjer Maltin -

**Fil-preżent hawn erba' parks tal-klieb f'Malta u wieħed f'Għawdex:**

- Ta' Qali
- Marsaskala (Sant'Antnin *Family Park*)
- Ħaż-Żabbar
- San Ġwann
- Nadur (Għawdex)

## Lista ta' Bajjiet fejn jistgħu jgħumu l-klieb fil-Gżejjer Maltin

- Daħlet ix-Xmajjar, Armier
- Torri l-Abjad, Armier
- L-Aħrax, Mellieħa
- Baħar iċ-Ċagħaq (wara *Splash and Fun*)
- Il-Bajja tal-Imġiebaħ, Selmun
- Il-Bajja tar-Rinella, il-Kalkara
- Fortina – Tigne Point, Tas-Sliema
- Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk
- Il-Magħluq, viċin Marsaxlokk
- Żonqor Point, Marsaskala
- Imġarr ix-Xini, Għajnsielem (Għawdex)
- Ta' Xwejni, Marsalforn (Għawdex)

# Lista ta' Santwarji tal-klieb u l-qtates fil-Gżejjer Maltin

| ISEM IS-SANTWARJU | NUMRU TELEFONIKU | POSTA ELETTRONIKA | SIT WEB | PAĠNA FUQ FACEBOOK |
|---|---|---|---|---|
| ISLAND SANCTUARY | 21659895/79018901 | info@islandsanctuary.com.mt | www.islandsanctuary.com.mt | The Island Sanctuary Malta |
| ANIMAL CARE MALTA | / | animalcare.mt@gmail.com | http://animalcaremalta.com | Animal Care Malta Cat Sanctuary |
| CSAF CARER FOR STRAY AND ABANDONED FELINES | / | csafmalta@gmail.com | http://csafcatsanctuary.org/ | CSAF - Carer for Stray Abandoned Felines |
| SPCA MALTA HOMING CENTRE | 21230468 | info@spcamalta.org | http://www.maltaspca.org/ | MSPCA - formerly SPCA Malta |
| SPCA GOZO HOMING CENTRE | 21553769/99475199 | info@spca-gozo.org | http://www.spca-gozo.org/ | Gozo SPCA |
| ASSOCIATION FOR ABANDONED ANIMALS | 7973 0921 | info@aaamalta.com | https://www.aaamalta.com | Association for Abandoned Animals |
| NOAH'S ARK | 99471390 | noahsarkmalta@gmail.com | www.noahsarkmalta.org | Noah's Ark Malta Dogs For Adoption |
| NATIONAL CAT SOCIETY (THOMASINA CAT SANCTUARY) | / | tomasinasanctuary@gmail.com | www.tomasinasanctuary.org | National Cat Society |
| KITTYLAND | / | / | / | Kittyland. Felines Forever Association. |
| LOVE FOR STRAYS | 21383977/99875093 | Ronald.giordano@gmail.com | / | Love for Strays |